

# Ġrajja ta' Parroċċa Ġrajja ta' Lokalità

*Eric Montfort*

Ma tistax titkellem dwar il-Parroċċa tas-Ssma. Trinità, hekk kif qegħdin noqorbu għall-mitt sena mit-twaqqif tagħha, mingħajr ma wieħed iħares lejn l-importanza tagħha bħala port. Insibu skavi u fdalijiet madwar il-*Power Station* tal-Marsa li jeħduna sa żmien il-Feniċi, u b'hekk dan juri li l-Marsa kienet diġa' importanti ħafna f'dak iż-żmien fejn Malta kienet ċentru ta' tbaħħir, ta' kummerċ u ta' konflitt bejn l-Afrika ta' Fuq, il-Lvant Nofsani u l-Ewropa tan-Nofsinhar. Hija wkoll ironika li iktar minn elfejn sena wara, il-Marsa qed terġa' wkoll tirraffigura f'sitwazzjoni oħra ta' traġitt li hu wkoll kummerċ; kummerċ maħmuġ u ikrah u li ma nafx għala l-Ewropej u n-Nazzjonijiet Uniti ma ħadux linja iktar iebsa; it-traffikar tan-nies li numru sostanzjali minnhom jispiċċaw fiċ-Ċentru Miftuħ li hemm f'parti mwarrba ta' din il-lokalità! Ma' dan il-fenomenu wkoll irridu nżewġu aspett ieħor xejn sabiħ li hemm mal-Marsa; ċerta telqa assoċjata ma' postijiet li kibru wisq industrijalment u li ħalliet ċerti problemi bħal popolazzjoni anzjana, tinġiż u vizzjijiet bħall-prostituzzjoni. Xi wħud minn dawn il-problemi qegħdin jonqsu u forsi għad imorru, iżda ċerti bidliet soċjali li saru mhux ladarba jinbidlu kif ġieb u laħaq.

Għall-qarrejja, li nibda l-ġrajja tal-Parroċċa b'dan il-mod forsi tinħass daqxejn waħda goffa u iebsa, imma nħoss ukoll li dawn huma r-realtajiet li hawn fostna. Iżda qalb ċerti affarijiet xejn sbieħ hemm ukoll aspetti oħra sbieħ ħafna li mhux dejjem nagħtu kashom, bħall-ammont sabiħ ta' gradwati u professjonisti li ħarġu matul is-snin. Ma ninsewx ukoll l-ammonti ta' snajja' li kellna hawnhekk tul dawn l-aħħar mijiet ta' snin, bħall-bini tad-dgħajjes li għadu fostna għalkemm mhux daqshekk qawwi. U l-ħafna għaqdiet soċjali u reliġjuzi li għenu mhux ftit sabiex jitrawmu wkoll daqshekk talenti u ħiliet. Ma' dawn irridu tabilfors insemmu l-Knisja Parrokkjali tas-Ssma. Trinità li madwarha daru dawn l-għaqdiet, individwi u ħiliet, kemm fil-ferħ kif ukoll fin-niket. U għalhekk huwa wkoll f'dan il-kuntest li nixtieq li nikteb dan l-artiklu, l-ewwel minn tnejn, sabiex inkun nista' nagħti stampa kemm jista' jkun ċara ta' din il-lokalità li għandha ħafna affarijiet uniċi.

Kif spjegajt qabel, il-Marsa żviluppat minħabba l-post kenni tagħha u għalhekk ħadet ukoll isimha mis-Semitiku. Il-kelma tfisser port u l-Marsa kienet wieħed mill-ewwel



portijiet ta' Malta, kif ġara wkoll f'postijiet oħra bħal Marsaxlokk u l-Birgu. Jista' jkun li l-Marsa ma' kinitx antika daqs Bormla, bħala port għallinqas mill-fdalijiet li nstabu. Imma huwa wkoll żgur li f'Malta, anki f'dan iż-żmien pre-istoriku, diġà kien hemm għarfien ta' din il-gżira bħala post ta' kenn u dan jidher fil-fdalijiet ta' daż-żmien li nsibu f'Bormla u M'Xlokk fost postijiet oħra. Hawnhekk fil-Marsa nstabu fdalijiet ta' żminijiet Puniċi lura fl-1918 (hawn min jgħid li jmorru lura għal żminijiet iktar antiki, sa żmien il-Bronż, u għalhekk jafu jkunu anke 1000 sena eqdem milli naħsbu). Il-Marsa wkoll kompliet isservi bħala port fi żmien ir-Rumani u fi żmien il-Griegi.

Hija wkoll pjuttost stramba kif dwar il-Marsa, minkejja li diġà kienet post daqshekk popolari bħala port, ma jidhirx li hemm dokumentazzjoni fi żmien l-Għarab. Huwa fatt li l-Għarab taw ħafna importanza lid-difiża tal-Birgu kif ukoll tal-Imdina li huma ċekknu. Huwa wkoll fatt li f'dawn l-akwati tul is-snin il-Marsa kienet isservi bħala post passaġġ bejn Ħal Qormi u l-Birgu kemm fiż-żmien nofsani u anki tul żmien il-Kavallieri. Il-Knisja tal-Madonna ta' Ċeppuna għandha dokumentazzjoni li teħodna lura sal-1489, meta dak iż-żmien Malta kienet għadha fi żmien il-fewdu medjevali. Kien żgur iservi bħala post li jiġbed lejh ħafna tjur għax kien hemm passaġġi twal ta' ilma ġieri kif ukoll salmastru u bosta siġar u ħass (tip ta' ħaxix li jikber f'postijiet u kundizzjonijiet umdi). Din il-firxa t'art kienet fejn illum insibu l-Marsa Sports Ground u tibda mill-akwati tal-Erba' Qaddisin (ħdejn il-*Maltapost*) u kienet tibqa' sejra sal-akwati ta' Ċejlu. Hemm diġà dokumentazzjoni li turi kif it-Torok, waqt l-Assedju ta' Malta, ikkampjaw hawnhekk, u li sabiex il-Kavallieri jagħmluhielhom iebsa kienu vvelenawlhom l-ilma ġieri! Dan l-aħħar seħħet ukoll sejba ta' fdalijiet ta' żmien it-Torok li jista' jkun li huma marbuta mal-Assedju jew ma' żminijiet ta' wara. Wieħed irid iqis li kienu baqgħu bosta Torok ħabsin u skjavi hawn Malta. Uħud ukoll ikkonvertew u saru Kattoliċi. Oħrajn jista' jkun li le u għalhekk seta' kellhom dan iċ-ċimiterju f'dawn l-għoljiet, illum magħrufa bħala Ta' Spencer. Iżda, irridu ta' bilfors norbtu ruħna ma' dawn iż-żminijiet sabiex naslu għal żminiijiet iktar moderni u li sawru l-Marsa.

It-tkabbir tal-faċilitajiet tal-Port il-Kbir minħabba l-ftuħ tal-Kanal ta' Swejz, ra l-ħtieġa ta' żvilupp fil-parti l-iktar ġewwiena u kennija tal-Port. Il-proġett magħruf bħala l-Portu Novu beda lura fl-1861 u dan ġab tħammil tal-art li kopra fejn illum insibu l-Moll tal-Knisja. Kien għad fadal art oħra li kien fiha l-ilma, issa iktar salmastru milli ġieri u li ġiet ukoll mirbuħa mill-baħar u żviluppata bħala ċentru sportiv, l-iktar fil-qasam taż-żwiemel. Wieħed irid iqis li dak iż-żmien il-Gvern Kolonjali Britanniku kien jiddependi miż-żwiemel għax ma kinitx għadha ġiet ivvintata u żviluppata l-karozza. B'hekk rajna l-bidu taċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa, dak iż-żmien magħruf bħala l-Marsa tal-Ingliżi, lura fl-1869. Inħoss li mhux sew li qatt ma kellna triq fil-






Marsa msemmija għall-Portu Novu meta mbagħad hemm triq daqshekk twila msemmija għal Belt il-Ħażna li fil-verità huwa biss *container depot* u mhux belt u llum lanqas biss jeżisti. Isem artifiċjali għall-aħħar!!

Kien ukoll hawnhekk li, kif wieħed kien jistenna, żdiedet il-popolazzjoni f'dawn l-akwati. Hemm dokumentazzjoni li f'dan il-post, imsejjaħ il-Marsa lura fl-1890, kien hawn jgħixu mas-620 ruħ. Kien hemm ukoll knisja żgħira magħrufa bħala Il-Madonna ta' Ċejlu li nfetħet fl-1870 grazzi għall-inizjattivi tal-avukat u imprenditur Ġuzeppi Żammit. Kien ukoll Żammit li bena Albert Town sabiex isservi bħala belt għall-bosta ħaddiema li bdew ġejjin minn diversi postijiet madwar Malta minħabba l-opportunitajiet li nibtu grazzi għall-iżvilupp tal-port kif ukoll l-iżviluppi industrijali li seħħew f'dawn l-akwati, fosthom il-ftuħ tal-impjant tal-ħażna tal-gass fl-1860, il-fabbrika tas-silġ fl-1880, l-impjant tal-elettriku fil-Furjana fl-1894, kif ukoll il-ftuħ ta' magni tad-dqiq f'dawn l-akwati, fosthom is-St. George's Flour Mills ta' Cassar Torregiani, St. Joseph Flour Mills tal-Marsovin, is-St. Publius Flour Mills u l-Pisani Flour Mills, fost oħrajn. Hija ħasra li fil-Marsa



ma nsibux triq waħda għalih, lanqas f'Albert Town li kien bena hu!

Kienu dawn l-industriji kif ukoll ix-xogħol tal-burdnara li raw ukoll dan l-iżvilupp madwar il-port u lil hinn mill-port, fil-Ħamrun li laħaq żviluppa sew tant li sar il-Parroċċa ta' San Gejtanu fl-1871. Malli l-akwati li żviluppaw fil-Marsa tal-Ingliżi ma baqgħux iktar post ta' tkattir tan-nemus u l-marda tal-malarja, il-popolazzjoni bdiet tiżdied kemm hawnhekk kif ukoll iktar 'il fuq lejn il-Port il-Kbir qrib Triq is-Sajjieda, it-Telgħa tal-Ġizwiti u triq is-Salib tal-Marsa. Dawn kienu l-qalba tal-Marsa u mhux wisq 'il bogħod mill-Ħamrun li kellu popolazzjoni li fil-bidu tas-seklu 20 kienet kibret sew. Irridu ngħidu wkoll li dan seħħ minħabba l-ferrovija li għenet sew sabiex ikun hemm komunikazzjoni aħjar fiċ-ċentru ta' Malta u għalhekk kien faċli għal min ried imur għax-xogħol f'dawn l-inħawi tal-Port. Kien hemm biss firxa ta' għelieqi li kienu jifirdu Strada Rjali u t-toroq ta' wara (wara l-bini) għal Triq is-Salib. Dawn l-għelieqi konna nsibuhom fin-naħa ta' fejn hemm il-Kappella tal-Midalja Mirakuluża u l-MUSEUM, il-*flyover* u fejn hemm il-Monument u l-Ġonna Spencer. Kien hemm ukoll ċimiterju fejn illum insibu l-Kappella. Maż-żmien kompla wkoll isir iktar żvilupp f'dawn l-istess inħawi msejħa Blata l-Bajda, fejn fost industriji oħra telgħu l-*Cable and Wireless*, (illum għadu jservi bħala ċentru tal-komunikazzjoni għall-kumpanija Go plc.), u ċentri żgħar ta' snajja' u inġinerija. Magħhom żdiedet ukoll in-NAAFI tas-Servizzi Ingliżi, wara t-Tieni

Gwerra Dinjija. Il-Gvern Kolonjali fi tmiem is-snin 20 tas-seklu li għadda ħaseb ukoll sabiex itella' l-ewwel *housing estate* żgħir għall-ħaddiema, f'dawn l-istess akwati, b'arkitettura unika. Hi ħasra li dak iż-żmien ma kienx hemm ħsieb għall-ippjanar (u qatt ma kien hemm wisq ħsieb għall-ippjanar tajjeb fid-diversi bliet u rħula tagħna tul dawn l-aħħar ftit għexieren ta' snin!). Fil-fatt, l-iżvilupp fil-Marsa kien ftit sporadiku, b'Albert Town fuq naħa, bini ta' djar b'ritmu mgħaġġel fi Triq is-Salib u ftit bini fil-parti ta' Triq Żerafa sa Triq San Tumas, sabiex imbagħad kellek żviluppi fejn illum insibu Triq il-Marsa sa Sqaq Ġulja, Triq Azzopardi kollha b'konsegwenza ta' popolazzjoni kbira fil-Ħamrun. Triq Balbi żviluppat ukoll mal-bini tal-Knisja, u bejn dawn l-akwati u l-Ħamrun kien hemm firxa ta' għelieqi kbar li baqgħu hemm sal-1974 meta sar il-proġett ta' Triq Diċembru 13. In-nies li ġew joqogħdu l-Marsa kienu minn Ħal Qormi, mis-Siġġiewi, mill-Kottonera, miż-Żejtun, mill-Ħamrun, mnn B'Kara kif ukoll parti mdaqqsa kienet ġejja minn Għawdex (kif ġara fil-Ħamrun) .

**Tmiem l-ewwel parti**

*(jissokta fil-ħarġa tas-sena d-dieħla)*

